MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Numru 407/2008

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER GRECH
VS
WAYNE SCERRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Scerri, ta' 25 sena, bin Joseph u Joan nee' Farrugia, imwieled Pieta', fil-25 ta' Jannar 1983 u residenti No.30/2, Triq it-Tanut tax-Xaghri, Mosta, u detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 86883(M)

Illi huwa akkuzat talli fil-5 ta' Mejju 2008 bejn is-1:30p.m. u s-2:20p.m. waqt li kien fl-inhawi ta' bejn il-Gudja, Hal Ghaxaq u Sta. Lucija bil-van numru *omissis*, b'ghemil zieni ikkorrompa persuni taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u dan bi ksur tal-Artikoli 203 u 203A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa akkuzat talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghal qliegh jew ghat-tqassim, jew ghal wiri f’post pubbliku jew f’post accessibli ghal-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort’ohra ghamel, jew dahhal f’Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratti, *film*, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta’ hawn fuq kemm jekk le, u dan bi ksur tal-Artikolu numru 208 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Filwaqt li nesebixxi estratt mill-Att tat-twelid u l-fedina penali tal-imsemmi Wayne Scerri nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akordat zmien ragonevoli ghal ripensament

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghamel ammissjoni piena ghal zewg akkuzi illi bihom jinstghab mixli. Kif jirrizulta mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur, u kif jirrizulta mill-istqarrija ta’ l-imputat, Dok.AG4, jidher illi l-imputat kien driver mat-tfal ta’ skola privata u waqt illi kien qed jitrassporta l-istess tfal wahda mit-tfal ta’ l-iskola talbet lill-imputat sabiex iqabbad id-DVD player illi kellu l-imputat u hajret lil shabha sabiex jaraw DVD illi kien fil-pussess ta’ l-imputat. Illi l-imputat ghall-ewwel ma riedx illi dan isir, izda minhabba l-insistenza u l-fittagni ta’ l-istess tfal, irrillenta u hallihom iqabbduh, aktar biex jaljena lit-tfal u jzommhom kwieti. Jirrizulta li hu ma kienx jaf il-kontenut ta’ dan id-DVD ghaliex kien ghadu ma rahx. Izda ftit minuti wara li sema’ l-‘voice track’ tal-film ma deherlux li kien addattat ghat-tfal u tfiegh mall-ewwel.

Illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni. Illi din il-Qorti kif gie ezebit id-DVD ma setghatx tistabbilixxi kemm-il darba dan id-DVD kienx film illi setgha jkollu 'official rating' cioe 'over eighteen years, jew jekk kienx film addirittura pornografiku.

Illi ghaldaqstant il-Qorti nominat lil Cecilia Xuereb sabiex ticcertifika l-istess DVD bl-isem 'Havoc'. Illi kif jidher mir-relazzjoni Dok.CX mahlufa minn Cecilia Xuereb, jidher bic-car illi dan il-film ma setghax jigi klassifikat bhala wiehed pornografiku u lanqas ma gie klassifikat bhala 'soft porn'. Pero, Cecilia Xuereb, fir-relazzjoni taghha, xehedet illi dan il-film seta' jigi 'viewed' f'cinema normali, pero ghal nies oltre minn tmintax-il sena ghal ragunijiet imsemmija fl-istess relazzjoni Dok.CX

Illi ghaldaqstant din il-Qorti minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat, hi tal-fehema illi ma jissussistix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, izda, certament jissussisti t-tieni akkuza stante li minkejja illi dan il-filmat ma jistax jigi klassifikat bhala wiehed pornografiku jew bhala wiehed ta' 'soft porn', gie stabbilit illi kien hemm xeheni illi jistghu jinkwadraw taht 'oxxen' fis-sens l-aktar minimu ta' din it-terminologija.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel akkuza li minnha tilliberah, izda ssibu hati tat-tieni akkuza u wara li rat l-Artikolu 208, 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax il-xahar.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-eta' giovanili tieghu, tal-fatt illi huwa waqqaf il-filmat minnufih meta nduna mis-'sound track' tal-filmat illi x-xehna setghet ma kinitx addattata ghat-tfal u l-kooperazzjoni shiha mal-Pulizija, kif ukoll ir-responsabilita' kbira u onoruza ta' l-imputat, bhala driver tat-tfal ta' l-iskola.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------